



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9226/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0396(COD)

ENV 493
MI 407
AGRI 244
FOOD 34
ENT 103
IND 249
CONSOM 172
COMPET 451
CODEC 871

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ: Aspetti tas-sikurezza tal-ikel u tal-ħela tal-ikel - <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza li fih mistoqsijiet għall-ministri għal skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") tat-30 ta' Mejju 2023.

Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ: Aspetti tas-sikurezza tal-ikel u tal-ħela tal-ikel**- Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza**

L-ikel jiġi f'kontatt ma' ħafna materjali u oġġetti waqt li jkun qed jiġi prodott, ipproċessat, maħżun, ippreparat u servut, qabel ma fl-aħħar jiġi kkunsmat. Materjali u oġġetti bħal dawn jinkludu l-imballaġġ u l-kontenituri tal-ikel, il-makkinarju għall-ipproċessar tal-ikel, u l-oġġetti tal-kċina u tal-mejda.

Għalkemm ir-rati ta' riċiklaġġ żdiedu fl-UE, l-ammont ta' skart iġġenerat mill-imballaġġ qed jikber b'rata aktar mgħaġġla mir-riċiklaġġ. Matul l-aħħar deċennju, l-ammont ta' skart mill-imballaġġ żdied b'aktar minn 20 %, u mistenni jżdied b'19 % oħra sal-2030 jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni. Għall-iskart mill-imballaġġ tal-plastik, mistennija żieda ta' 46 % sal-2030. Ammonti dejjem akbar ta' skart mill-imballaġġ għandhom iżjed konsegwenzi ambjentali, inkluż użu akbar u ineffiċjenti tar-riżorsi, impatti klimatiċi negattivi, żibel, użu żejjed ta' sustanzi ta' tħassib fl-imballaġġ u sfidi dejjem akbar għall-ġestjoni tal-iskart, inkluż riċiklaġġ ta' kwalità baxxa, u użu eċċessiv ta' landfills, inċinerazzjoni, u esportazzjoni fi tmiem il-ħajja. Fl-istess ħin, it-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ u ż-żieda fir-riċiklaġġ jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-materja prima u l-fjuwils fossili, jistimulaw l-innovazzjoni u jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku, u jnaqqsu l-infiq mhux meħtieġ tal-unitajiet domestiċi.

L-istima tal-fatturat totali tal-produzzjoni tal-imballaġġ u l-ġestjoni tal-iskart mill-imballaġġ fl-UE hija ta' €370 biljun fl-UE. It-trasformazzjoni tas-settur tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ għalhekk taqdi rwol u għandha potenzjal sinifikanti fit-trasformazzjoni tal-Ewropa f'ekonomija nadifa, sostenibbli u ċirkolari, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Wara l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal ekonomija ċirkolari, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2019 (12791/19), stipula fost l-oħrajn li sal-2030, l-imballaġġ tal-plastik kollu introdott fis-suq fl-UE għandu jkun jista' jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat, li l-kapaċità għas-separazzjoni u r-riċiklaġġ tal-imballaġġ fl-UE għandha tiżdied b'erba' darbiet, u stieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjonijiet ulterjuri.

Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ. Il-proposta għandha l-għan li tipprevjeni l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, tagħti spinta lir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u toħloq suq għall-materja prima sekondarja, filwaqt li fl-istess ħin tiffaċilita l-informazzjoni għall-konsumaturi u toħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju.

Fil-5 ta' Diċembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma assenjat dwar l-Ambjent beda l-eżami tal-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ambjent kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-ambizzjoni ġenerali għal reġim ġdid tal-imballaġġ u dwar il-prevenzjoni tal-iskart.

L-imballaġġ tal-ikel u x-xorb jaqdi rwol kruċjali fil-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-prodotti għall-konsumaturi. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-ikel, il-materjali kollha li jiġu f'kuntatt mal-ikel iridu jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel meta jiġu introdotti fis-suq Ewropew. Ta' rilevanza partikolari huwa r-Regolament (UE) 2022/1616 dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel magħmula minn plastik riċiklat, li jippermetti r-riċiklaġġ mekkaniku tal-PET u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' riċiklaġġ għal plastiks oħra.

Ir-Regolament propost dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali fis-suq intern filwaqt li jżomm livell għoli ta' sikurezza u iġjene tal-ikel, mingħajr ma jaffettwa l-politiki għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Il-punt tat-tluq tal-miżuri kollha meħuda permezz tar-Regolament propost dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ huwa l-konformità mal-istandards tas-sikurezza tal-ikel u l-kompatibbiltà mal-għan tal-UE li tnaqqas il-ħela tal-ikel. Peress li r-Regolament propost ser jaffettwa s-settur tal-ikel u x-xorb, fejn huwa meħtieġ adattament lejn aktar sostenibbiltà, tali adattament jeħtieġ li jkun konsistenti ma' leġislazzjoni oħra tal-UE.

Filwaqt li tfakkar li s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel huma pedamenti tas-sistema tal-ikel tal-UE, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" tidentifika wkoll is-sostenibbiltà bħala objettiv ewlieni. L-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għandha l-għan li tappoġġa metodi ta' produzzjoni sostenibbli tal-ikel, tiffaċilita l-għażla tal-konsumaturi ta' ikel tajjeb għas-saħħa, u tippromwovi użu aħjar tar-riżorsi naturali u tnaqqis fit-tniġġis.

Aspett ieħor u parti integrali mill-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" huma r-reviżjoni antiċipata tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart. Il-Kummissjoni mistennija tipproponi miżuri addizzjonali biex tipprevjeni l-ħela tal-ikel fi żmien debitu.

Il-Presidenza tqis li r-regolament propost dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ huwa importanti ħafna. Peress li huwa suġġett trażversali u fl-istess ħin kumpless, importanti ħafna li jkun legalment koerenti u jissimplifika b'mod effiċjenti s-setturi tal-imballaġġ u tal-iskart, il-katina tal-industrija tal-ikel, is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur kif ukoll il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

Sabiex id-diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tat-30 ta' Mejju 2023 jingħataw struttura, il-Presidenza tissuġġerixxi li dawn jiffukaw fuq l-aspetti tas-sikurezza tal-ikel u tal-ħela tal-ikel. Il-Presidenza tilqa' wkoll sommarju introdutturju mill-Kummissjoni dwar l-oqsma ewlenin fl-abbozz ta' Regolament, li huma rilevanti għas-settur tal-ikel u x-xorb.

Il-Presidenza tipproponi ż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

1. Minħabba l-għan tal-proposta li l-iskart mill-imballaġġ jitnaqqas b'mod sinifikanti, hemm aspetti li tqis li huma meħtieġa biex jiġu żgurati s-sikurezza tal-ikel u l-istandards tal-iġjene, u l-funzjonament tas-suq uniku? Rigward il-ħtieġa għal tnaqqis sostanzjali tal-ħela tal-ikel, liema fatturi għandhom jiġu enfasizzati?
2. Kif jistgħu l-użu mill-ġdid, il-mili mill-ġdid u r-riċiklaġġ jintużaw bħala miżuri effettivi biex jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ u tizzied iċ-ċirkolarità tiegħu, filwaqt li jiġu żgurati s-sikurezza tal-ikel u l-istandards tal-iġjene, u x'inhu l-mod xieraq biex jiġu ttrattati l-interazzjonijiet u s-sinerġiji bejn il-proposta msemmija hawn fuq u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE?